**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar it-Tlieta 22 ta' Mejju, 2001

**Numru 6**

**Avviz. numru 1624/00JR**

**Maria Carmela Vella Briffa mart it-Tabib Joseph Vella Briffa**

**vs**

**Josephine Farrugia Randon, Carmen Vella, Margaret Debono, Constantino Falzon, Constantino Falzon, Alexis Vella, Anthony Debono, Paul Falzon, Joseph Falzon, Anthony Falzon, Marlene Barthet kollha eredi ta' George Falzon**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Settembru, 2000, fejn intalab il-hlas ta' mija u hamsa u sebghin lira Maltija u ghoxrin centezmu**

**(Lm175.20), dovut mill-konvenuti lill-attrici bhala erba' snin arretrati ta' cens fuq artijiet f'Pope Alexander VII Junction, Balzan;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali tal-5 ta' Mejju, 1999, u tal-15 ta' Gunju, 2000 kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenuta presentata fit-18 t'Ottubru, 2000, fejn intqal li t-talba hija kontestata stante li c-cens fuq l-artijiet indikati gie mifdi fl-1996 permezz ta' seba' cedoli bin-numri 356/96 sa 362/96 u ghalhekk m'hemmx cens dovut.**

**Ra li din il-kawza kienet qed titmexxa mal-kawzi numru 1623/00 fl-ismijiet "Maria Carmela Vella Briffa vs Josephine Farrugia Randon".**

**Semgha x-xhieda ta' Maria Carmela Vella Briffa u ta' Alfred Barthet. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Illi kien hemm cens dovut fuq artijiet f'Pope Alexander Junction, Balzan, imsemmi.**
2. **Jirrizulta li prima facie hemm prova li c-cens in kwistjoni gie mifdi fit-22 ta' Marzu, 1996, u dana skond ma jirrizulta mic-cedoli ta' depositu esebiti, Dok.JFR1 sa Dok.JFR7.**

3. **Kif gja rilevat fil-kawza bl-avviz numru 1623/00 fl-ismijiet "Maria Carmela Vella Briffa vs Josephine Farrugia Randon", dan it-Tribunal definitivament ma jistghax imur oltre u jaggudika dwar il-validita` o meno ta' tali cedoli. Jirrizulta soddisfacentement pruvat li c-cens in kwistjoni kien gie mifdi, u ma hemm xejn x'juri l-kuntrarju, u konsegwentement ma jistghax jigi ritenut li hemm xi cens iehor dovut minn dak in-nhar li gie mifdi c-cens in kwistjoni.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' l-eccezzjoni sollevata mill-konvenuti, u jirrespingi t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-attrici.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**